MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## MARIO SCERRI

Seduta tas-6 ta' Dicembru, 2007

Talba Numru. 26/2007/1

Maltacom plc

vs

Maria Magro

It-Tribunal,

Ra l-avviz tat-talba tas-socjeta' attrici li jghid hekk :

"Illi l-konvenuta ghandha tigi kkundannata thallas lis-socjeta' Maltacom plc is-somma ta' tliet mija u hmistax –il lira Maltija u tnejn u tmenin centezmi (Lm315.82) dovuti in konnessjoni mas-servizz telefoniku li jgib in-numru 21565664 (A/C no. 10226158), skond diversi kontijiet mibghuta, flimkien mal-ispejjez, l-imghaxijiet, u drittijiet legali.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-prezenti, tal-ittra ufficjali mibghuta fit-3 t'April 2007, u tal-VAT fuq id-drittijiet

professjonali, u bl-imghaxijiet kontra l-konvenuta li minn issa hija ingunta ghas-subizzjoni.

Bl-ingunzjoni tas-socjeta’ konvenuta ghas-subizzjoni.”

Ra li l-konvenuta giet debitament innotifikat bl-avviz tat-talba u bl-avviz ghas-smigh tal-kawza fl-4 ta’ Settembru 2007, u baqghet ma dahhlet ebda risposta u lanqas ma deheret personalment ghall-udjenzi tal-10 ta’ Ottubru 2007, u tas-6 ta’ Novembru 2007.

Ra l-verbal tal-udjenza 10 ta’ Ottubru 2007, li permezz tieghu s-socjeta’ attrici rriduciet l-ammont tat-talba minn tliet mija u hmistax -il lira Maltija u tnejn u tmenin centesimi (Lm382.82) ghal mitejn u sebghin liri Maltin u tmienja u sebghin centesimi (Lm270.78).

Fl-istess udjenza tal-10 ta’ Ottubru 2007, sama’ lil Emanuel Cini, *customer service officer* mal-kumpanija Maltacom plc, bil-gurament li kkonferma li l-ammont mitlub fl-avviz tat-talba kif ridott, huwa dovut lis-socjeta’ attrici mill-konvenuta, u esibixxa bhala dokument EC1 kopja tas-*service agreement* u bhala dokument EC 2 rendikont tal-ammont mitlub mis-socjeta’ attrici ghall-perjodu bejn l-1 ta’ Marzu 2003 u l-1 ta’ Novembru 2005.

Fl-udjenza tas-6 ta’ Novembru 2007, it-Tribunal gie nfurmat mis-socjeta’ attrici li fil-11 ta’ Ottubru 2007, kien intlahaq ftehim bejn is-socjeta’ attrici u l-konvenuta ghall-hlas tal-ammont imsemmi fl-avviz tat-talba kif ridott, u li l-konvenuta kienet ghamlet pagament akkont. Gie esibit ukoll kopja ta’ dan il-*payment programme agreement*.

Ra d-dokumenti kollha.

Ikkunsidra li t-talba tas-socjeta’ attrici hija gusta u timmerita li tigi milqugha.

Wara li ra wkoll l-artikoli 9(2)(a) u 13(b) tal-Kap.380.

Jiddeciedi ghaldaqstant billi jilqa’ t-talba tas-socjeta’ attrici, u jikkundanna lill-konvenuta li thallas lis-socjeta’ attrici s-

somma ta’ mitejn u sebghin Liri Maltin u tmienja u sebghin centesimi (Lm270.78) ekwivalenti ghal sitt mija u tletin Euro u hamsa u sebghin centesimi (Euros 630.75), dovuta lis-socjeta’ attrici in konnessjoni mas-servizz tat-telefon bin-numru 21565664 (A/C 10226158), bl-imghaxijiet legali fuq din is-somma b’effett mill-11 ta’ Ottubru 2007 sal-effettiv pagament, u bl-ispejjez kollha konnessi mat-talba tas-socjeta’ attrici u tal-ittra ufficjali tat-3 t’April 2007 (Ittra numru 237/2007), inkluza l-hlas tat-taxxa fuq il-valur mizjud fuq id-drittijiet professjonali tal-avukat tas-socjeta’ attrici, kontra l-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------